DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 56/2008

tal-25 ta' April 2008

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 35/2008 ta' l-14 ta' Marzu 2008 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 916/2007 tal-31 ta' Lulju 2007 li temenda r-Regolament (KE) Nru 2216/2004 għal sistema standardizzata u sikura tar-registri skond id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] għandha tkun inkorporata mal-ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-mekkaniżmu għal monitoraġġ ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Komunità u għall-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto [3] ma kenitx inkorporata mal-Ftehim u għalhekk ir-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportaġġ previsti f'dik id-Deċiżjoni, ma tapplikax għall-Istati ta' l-EFTA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 21an (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004) fl-Anness XX għall-Ftehim:

", kif emendat b'li ġej:

— **32007 R 0916**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 916/2007 tal-31 ta' Lulju 2007 (ĠU L 200, 1.8.2007, p. 5)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 916/2007 fil-lingwa Iżlandiża u u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-26 ta' April 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

---

[1] ĠU L 182, 10.7.2008, p. 34.
[2] ĠU L 200, 1.8.2007, p. 5.
[3] ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

Alan SEATTER